MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tad-29 ta' Jannar, 2009

Numru 14/2009

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR ANGELO GAFA**

**KONTRA**

**ANNABELLE CAMILLERI**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Annabelle Camilleri ta' 23 sena, bint Martin u Rose Mary nee' Busuttil, imwielda Pieta' nhar it- 18 ta' Mejju 1985, residenti fil- fond f' Tal- Fanal Apartments, Flat 5, Triq il-Fanal, l- Ghasri, u detentrici tal- Karta tal- Identita' bin-numru 311185(M);

Li giet mressqa quddiemha sabiex twiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli:

1) f’ dawn il- Gzejjer, fix- xahar ta’ Settembru 2008 u fix- xhur ta’ wara, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l- istess dispozizzjoni tal- Ligi u li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda, b’mezzi kontra l- Ligi, jew billi ghamlet uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqdiet b’qerq iehor, ingann, jew billi wriet haga b’ohra sabiex iggieghel jitwemmen l- ezistenza ta’ intrapizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamlet qligh ta’ ghoxrin elf Ewro (€20,000) ghad- dannu ta’ Kenneth Caruana mill- Gudja;

2) kif ukoll talli fl- istess perjodu, lok u cirkostanzi, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal- Ligi u li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda, approprjat ruhha, billi dawwret bi profitt ghaliha jew ghal persuna ohra, minn haga ta’ haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinnata lilha taht titolu li jgib mieghu l- obbligu tar- radd tal- haga jew li jsir uzu minnha specifikat, u cioe’ hadet u zammet ghoxrin elf Ewro (€20,000) ghad- dannu ta’ Kenneth Caruana mill-Gudja, liema flus kienu gew fdati jew ikkunsinnati lilha minhabba l- professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni , kariga jew servizz taghha, jew minhabba depozitu necessarju.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat illi l-imputata, irregistrat ammissjoni fl-aktar stadju bikri f’dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnha wara li l-Qorti tatha zmien xieraq skond il-ligi sabiex tikkonsidra sew din l-ammissjoni.

Rat illi, in vista tal-ammissjoni tal-imputata, ai termini tad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 392A, din il-Qorti giet hekk ikkonvertita minn wahda Struttorja ghal wahda ta' Gudikatura Kriminali, u in virtu' tal-istess Artikolu, il-Qorti setghet tghaddi minnufih biex taghti s-sentenza lill-imputata;

**Ikkunsidrat:**

Illi in vista tal-ammissjoni bikrija tal-imputata, il-Qorti m'ghandhiex triq ohra hlief li tghaddi biex taghti s-sentenza f'din il-kawza. Il-Qorti giet infurmata li l-ammont dovut lil Kenneth Caruana kien thallas qabel ma bidet din il-kawza, u ghalhekk l-imputata setghet tibbenefika minn riduzzjoni fil-piena ai termini tal-Artikolu 337 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Inoltre l-Qorti rat l-eta' tenera tal-imputata u l-fedina penali kwazi netta taghha, kif ukoll hadet in konsiderazzjoni li hi ghenet lill-Pulizija fl-istadju tal-investigazzjonijiet ta' dan ir-reat. Dan irrizulta car anke mill-istqarrija taghha lill-Pulizija.

Kwantu ghall-piena, tenut kont ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet kollha, il-Qorti m'hix tal-fehma li l-imputata ghandha sservi sentenza ta' prigunerija effettiva. L-anqas ma jirrisulta li hi ghandha bzonn sorveljanza effettiva. Madankollu, xi forma ta' kontroll ser ikollha bzonn, ghalhekk il-Qorti sejra taghti liberta' kundizzjonata lill-imputata, u l-Qorti qieghedha twissiha bl-aktar mod solenni li jekk hi taghmel reat iehor waqt il-perijodu operattiv ta' din il-liberta' kundizzjonata, hi terga' titressaq mill-gdid u l-Qorti ikollha bil-fors taghtiha sentenza ta' prigunerija. B'hekk l-imputata sejra tgawdi minn beneficcju moghti lilha mill-Qorti, izda fl-istess waqt hemm fuqha t-theddida ta' sentenza ta' prigunerija effettiva jekk hi tibqa' tippersisti f' hajja u attivita' kriminali, haga li l-Qorti sincerament tawgura lill-imputata li dan issa fehmitu.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat  l-Artikoli 18, 308, 309, 310 (1)(a), 293, 294 tal-Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lil imsemmija imputata hatja u ghaldaqstant tilliberaha bil- kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin ai terminu tal-Artikolu 22 tal- Kapitolu 446 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Il- Qorti spjegat il- portata tas-sentenza lill- imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------